DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/597

tat-12 ta' April 2021

li tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward tal-każijiet ikkonfermati ta' infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala fl-Italja

(notifikata bid-dokument C(2021) 2365)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-punt (1)(a) tal-Artikolu 259 tiegħu,

Billi:

(1) Il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala (*Aethina tumida*) hija insett nattiv tal-Afrika sub-Saħarjana, li nfirex fid-dinja kollha f'dawn l-aħħar deċennji u huwa kapaċi jimmultiplika malajr b'mod partikolari fil-preżenza tad-duqqajs, tal-għabra tad-dakra u tal-għasel fix-xehda. L-eżemplari adulti jistgħu jtiru sa diversi kilometri biex jinvadu postijiet oħra. L-infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429, kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1629 ([2]), u fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]).

(2) Il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala hija fil-biċċa l-kbira assenti fl-Unjoni, iżda minn Settembru 2014 seħħew infestazzjonijiet fir-Reġjun tal-Calabria u fir-Reġjun ta' Sqallija fl-Italja. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE ([4]) stabbiliet ċerti miżuri protettivi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-infestazzjonijiet ikkonfermati tal-ħanfusa żgħira tal-ġabsala fl-Italja. Bħalissa kemm ir-Reġjun tal-Calabria kif ukoll ir-Reġjun ta' Sqallija huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni bħala żoni soġġetti għal dawk il-miżuri protettivi. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tapplika sal-21 ta' April 2021.

(3) Dan l-aħħar, l-awtorità kompetenti ċentrali tal-Italja ressqet xi informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala għadha sseħħ fir-Reġjun tal-Calabria fl-imġiebaħ, fil-kaxex tan-naħal impoġġija u ġestiti mill-awtorità kompetenti lokali biex tinvestiga is-sitwazzjoni, u fin-naħal tal-għasel selvaġġ. Fil-każijiet ikkonfermati ta' infestazzjoni, l-imġiebaħ jew il-kaxex tan-naħal affettwati nqerdu. L-awtorità kompetenti lokali stabbiliet żona ta' protezzjoni f'dak ir-Reġjun u pprojbiet il-moviment tan-naħal tal-għasel u ta' ċerti komoditajiet oħrajn minn dak ir-Reġjun. Madankollu, l-awtorità kompetenti lokali ma setgħetx teqred il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala. It-tixrid tal-ħanfusa żgħira tal-ġabsala miż-żona affettwata fl-Italja jista' jkun periklu serju għan-naħal tal-għasel u għan-naħal bagħli f'postijiet oħra fl-Unjoni.

(4) L-informazzjoni mressqa lill-Kummissjoni mill-awtorità kompetenti ċentrali tal-Italja wriet ukoll li minn Settembru 2014, seħħew biss żewġ każijiet ikkonfermati ta' infestazzjonijiet bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala fir-Reġjun ta' Sqallija fl-imġiebaħ u t-tnejn ġew eradikati. B'mod partikolari, dik l-awtorità kompetenti stabbiliet li t-tieni infestazzjoni, f'Ġunju 2019, kienet ir-riżultat ta' moviment illegali mwettaq minn persuna li trabbi n-naħal ta' kaxex tan-naħal misruqin mir-Reġjun tal-Calabria, u li dik l-infestazzjoni ġiet identifikata, investigata u eradikata minnufih mill-awtorità kompetenti lokali. *Data* uffiċjali miġbura mill-awtorità kompetenti ċentrali mingħand l-awtoritajiet

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1629 tal-25 ta' Lulju 2018 li jemenda l-lista ta' mard stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 272, 31.10.2018, p. 11).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward tal-okkorrenzi konfermati tal-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 161).

kompetenti lokali wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza uffiċjali xierqa u rappreżentattivi, inkluż l-użu ta' kaxex tan-naħal sentinelli tul diversi snin, tikkonferma l-assenza tal-ħanfusa żgħira tal-ġabsala mir-Reġjun ta' Sqallija minn Settembru 2014, ħlief għall-infestazzjoni ta' Ġunju 2019. Għalhekk, fi Frar 2020 l-awtorità kompetenti lokali neħħiet iż-żona ta' protezzjoni li kienet stabbiliet f'dak ir-Reġjun wara l-każ ikkonfermat f'Ġunju 2019.

(5) Sabiex jiġi evitat kull xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni, biex jiġi evitat li l-pajjiżi terzi jimponu ostakli għall-kummerċ, u biex jiġi evitat it-tixrid tal-ħanfusa żgħira tal-ġabsala lejn partijiet oħra tal-Unjoni, jixraq li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' ċerti komoditajiet li kapaċi jxerrdu l-ħanfusa żgħira tal-ġabsala. Dawn ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li jkunu simili għal dawk stabbiliti mill-awtoritajiet Taljani u għal dawk li huma stabbiliti bħalissa fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE. Iż-żoni soġġetti għal dawn il-miżuri ta' emerġenza jenħtieġ li jkunu limitati għar-Reġjun tal-Calabria.

(6) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li japplikaw mill-21 ta' April 2021, li hija d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429. Minħabba d-diffikultajiet esperjenzati mill-awtorità kompetenti fis-snin reċenti fl-eradikazzjoni tal-ħanfusa żgħira tal-ġabsala fir-Reġjun tal-Calabria, dawn il-miżuri jenħtieġ li japplikaw għal tliet snin.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "kaxxa tan-naħal" tfisser kontenitur fejn jinżamm n-naħal tal-għasel jew in-naħal bagħli;

(b) "miġbħa" tfisser stabbiliment li jżomm in-naħal tal-għasel jew in-naħal bagħli;

(c) "prodotti sekondarji tal-apikultura mhux ipproċessati" tfisser għasel, xama' tan-naħal, ħalib tan-naħal, żaftur jew għabra tad-dakra mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem kif definit fil-punt 10 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([5]) li ma jkunx għadda minn xi proċedura ta' proċessar kif imsemmi fir-ringiela 10 tar-raba' kolonna tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV ta' dak ir-Regolament;

(d) "tagħmir għat-trobbija tan-naħal" tfisser il-kaxex tan-naħal użati, il-komponenti tal-kaxex tan-naħal u l-għodod użati f'miġbħa.

Artikolu 2

1. L-Italja għandha tiżgura li jiġu implimentati l-miżuri ta' emerġenza li ġejjin fiż-żoni elenkati fl-Anness:

(a) projbizzjoni fuq id-dispaċċ tal-komoditajiet li ġejjin lejn żoni oħra tal-Unjoni:

(i) naħal tal-għasel;

(ii) naħal bagħli;

(iii) prodotti sekondarji tal-apikultura mhux ipproċessati;

(iv) tagħmir għat-trobbija tan-naħal;

(v) prodotti tal-apikultura tax-xehda maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1)

(b) it-twettiq ta' sorveljanza fil-kaxex tan-naħal u fl-imġiebaħ u investigazzjonijiet epidemjoloġiċi, fosthom:

(i) l-identifikazzjoni u t-traċċar tal-movimenti tal-komoditajiet msemmija fil-punt (a) lejn u mill-imġiebaħ u l-istabbilimenti tal-estrazzjoni tal-għasel li jinsabu f'żona ta' raġġ ta' 20 km madwar il-kaxxa/kaxex tan-naħal fejn tkun ġiet ikkonfermata infestazzjoni bil-ħanfusa żgħira tal-ġabsala;

(ii) in-notifika tar-riżultati ta' tali sorveljanza u investigazzjonijiet epidemjoloġiċi lill-Kummissjoni.

2. Abbażi tar-riżultati tas-sorveljanza u tal-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi previsti fil-paragrafu 1(b), l-Italja tista' timplimenta miżuri ta' emerġenza xierqa addizzjonali skont l-Artikolu 257 tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-21 ta' April 2021 sal-21 ta' April 2024.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Stat Membru	Żoni soġġetti għal miżuri ta' emerġenza
L-Italja	Ir-Reġjun tal-Calabria: ir-Reġjun kollu